DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' April 2014

dwar l-iskema ta' għajnuna mill-Istat SA.23257 (12/C) [ex NN 8/10, ex CP 157/07] implimentata minn Franza (ftehim interprofessjonali konkluż taħt l-awspiċi tal-Assoċjazzjoni Franċiża għall-valorizzazzjoni tal-prodotti u tas-setturi professjonali fil-qasam tal-ortikultura u tal-pajsaġġ — "Val'Hor")

(notifikata bid-dokument C(2014) 2223)

(It-test bil-lingwa Franċiża biss huwa awtentiku)

(2014/416/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom rigward il-miżura kkonċernata,

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) B'ittra tad-9 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni rċeviet oġġezzjoni relatata mal-estensjoni tal-ftehim interprofessjonali konkluż taħt l-awspiċi tal-Assoċjazzjoni Franċiża għall-valorizzazzjoni tal-prodotti u tas-setturi professjonali fil-qasam tal-ortikultura u tal-pajsaġġ ("Val'Hor"). Il-każ ġie rreġistrat bin-numru CP 157/07. Fl-4 ta' Frar 2010, din il-miżura ġiet elenkata bin-numru NN 8/10 bħala għajnuna mill-Istat mhux notifikata.

(2) Fis-26 ta' Ottubru 2009 u fis-16 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet min-naħa tar-rikorrent b'rabta mal-oġġezzjoni CP 157/07.

(3) Bl-ittri bid-dati tat-13 ta' Lulju 2007, l-10 ta' Diċembru 2007, is-26 ta' Ġunju 2008, it-22 ta' Frar 2010, is-16 ta' Diċembru 2010 u t-13 ta' Ottubru 2011, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu lill-awtoritajiet Franċiżi biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar għajnuna mill-Istat possibbli fis-settur tal-ortikultura. Franza baghtet din l-informazzjoni bl-ittri bid-dati tas-17 ta' Ottubru 2007, is-7 ta' April 2008, l-1 ta' Settembru 2008, it-2 ta' April 2010, it-22 ta' Frar 2011 u l-15 ta' Novembru 2011.

(4) Bid-Deċiżjoni C(2011) 10053 tal-11 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom rigward il-miżura kkonċernata.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati. Hi bagħtithom lil-Franza u tatha l-possibbiltà li tikkummenta dwarhom.

(7) Bil-posta elettronika tal-20 ta' Jannar 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Franza għall-Unjoni Ewropea kkomunikat lill-Kummissjoni ittra tal-awtoritajiet Franċiżi li fiha talbu għal estensjoni supplementari ta' xahar biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-ftuħ tal-proċedura. Din l-estensjoni ġiet approvata bil-fax tas-26 ta' Jannar 2012.

(8) Bil-posta elettronika tal-14 ta' Marzu 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Franza għall-Unjoni Ewropea kkomunikat ir-reazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet interessati, dwar il-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE..

(9) Bil-posta elettronika tal-10 ta' Lulju 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Franza għall-Unjoni Ewropea kkomunikat ir-reazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet interessati.

([1]) ĠU C 66, 6.3.2012, p. 32.

II. **DESKRIZZJONI**

PRESENTAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI INTERPROFESSJONALI "VAL'HOR"

(10) L-Assoċjazzjoni Franċiża għall-valorizzazzjoni tal-prodotti u tas-setturi professjonali fil-qasam tal-ortikultura u tal-pajsaġġ (Val'Hor) hija organizzazjoni interprofessjonali rikonoxxuta fis-settur tal-ortikultura ta' Franza. L-organizzazzjoni u l-funzjonament tagħha huma rregolati mill-Artikoli L. 631-1 skont il-Kodiċi Rurali.

(11) L-Assoċjazzjoni "Val'Hor" ġiet imwaqqfa fl-1997, u fit-13 ta' Awwissu 1998 ġiet rikonoxxuta mill-awtoritajiet pubbliċi bħala organizzazzjoni interprofessjonali nazzjonali, fit-tifsira tal-Artikolu L.632-1 tal-Kodiċi Rurali ta' Franza, għas-settur ortikulturali u tal-pajsaġġ. L-Istatut tal-Assoċjazzjoni kien ġie approvat waqt Laqgħa Ġenerali fil-25 ta' Marzu 2004.

(12) "Val'Hor", bħal organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti oħrajn, tista' tikkonkludi Ftehimiet u tista' tiġbor, mill-membri kollha tal-professjonijiet li jikkostitwixxu l-organizzazzjoni, kontribuzzjonijiet volontarji intenzjonati biex jiffinanzjaw dawk il-Ftehimiet. Dawk il-Ftehimiet jistgħu jkunu obbligatorji jew b'Digriet Interministerjali (Ftehimiet "estiżi") għall-operaturi tas-settur, kemm jekk ikunu membri tal-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" u kemm jekk le, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-Kodiċi Rurali Franċiż. Il-Kodiċi Rurali jawtorizza l-estensjoni tal-Ftehimiet biss meta dawn ikollhom fil-mira tagħhom l-"interess komuni" ibbażat fuq miżuri "skont l-interess ġenerali u li huma kompatibbli mar-regoli tal-Politika Agrikola Komuni" (ara l-Artikolu L. 632-3 tal-Kodiċi Rurali).

(13) Fit-12 ta' Novembru 2004 "Val'Hor" adottat il-ftehim interprofessjonali dwar l-iffinanzjar, li ġie modifikat bl-emenda nru 1 tal-14 ta' Settembru 2006. L-Artikolu II ta' dak il-Ftehim jistipula li kull membru, kemm jekk persuna naturali jew legali, ta' professjoni rrappreżentata fi ħdan l-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" huwa marbut iħallas kontribuzzjoni annwali.

(14) Il-Ftehim interprofessjonali dwar l-iffinanzjar konkluż fil-kuntest tal-"Val'Hor" kien estiż għall-ewwel darba għal perjodu ta' sena, b'Digriet tal-Ministeru għall-Agrikoltura, l-Ikel is-Sajd u ż-Żoni Rurali fit-12 ta' April 2005, kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fit-12 ta' Mejju 2005. Ġie estiż għal darb'oħra għal sena bid-Digriet tas-16 ta' Novembru 2006, kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fit-8 ta' Diċembru 2006.

(15) Bid-Digriet tal-31 ta' Marzu 2008, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fil-11 ta' April 2008, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim interprofessjonali tal-21 ta' Frar 2008 ġew estiżi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008 għall-membri kollha tal-professjonijiet li jikkostitwixxu l-Assoċjazzjoni. Bid-Digriet tas-16 ta' Settembru 2008, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fil-25 ta' Settembru 2008, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interprofessjonali tat-22 ta' Lulju 2008 ġew estiżi għall-perjdou sat-30 ta' Ġunju 2010. Bid-Digriet tas-27 ta' Mejju 2010, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fil-8 ta' Ġunju 2010, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interprofessjonali tat-22 ta' Lulju 2008 ġew estiżi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011. Fl-aħħar, bid-Digriet tat-3 ta' Ottubru 2011, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fil-15 ta' Ottubru 2011, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interprofessjonali tat-12 ta' Settembru 2011 ġew estiżi għall-perjodu sat-30 ta' Ġunju 2014.

(16) Skont l-informazzjoni trażmessa mill-awtoritajiet Franċiżi fis-17 ta' Ottubru 2007, il-kontribuzzjoni volontarja obbligatorja –istitwita għan-negozji fis-settur tal-pjanti ornamentali li ħarġu mill-ortikultura u mill-mixtliet u mis-settur tal-pajsaġġ kienet intenzjonata biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-mezzi għall-promozzjoni kollettiva tal-ortikultura, tal-bejgħ tal-fjuri u tal-pajsaġġ, tal-prodotti tagħhom u tax-xogħol tagħhom, fis-swieq interni u esterni; l-għarfien dwar il-mekkaniżmi tal-provvista, tad-domanda u tas-suq; it-titjib tat-tħaddim, il-kontroll u t-trasparenza tas-suq; il-kwalità tal-prodott; l-organizzazzjoni u t-titjib tal-prattiki u r-relazzjonijiet interprofessjonali fis-settur; it-twettiq ta' programmi ta' taħriġ, ta' riċerka applikata, ta' esperimentazzjoni u ta' żvilupp u t-tħaddim tal-Assoċjazzjoni.

IR-RWOL TAL-ISTAT

(17) Bid-Digriet tat-13 ta' Awwissu 1998, l-Istat ta' Franza rrikonoxxa "Val'Hor" bħala organizzazzjoni interprofessjonali fit-tifsira tal-Artikolu L.632-1 tal-Kodiċi Rurali Franċiż.

(18) Il-funzjonament, il-missjonijiet u l-kompożizzjoni ta' "Val'Hor" huma rregolati mill-Istatut tal-Assoċjazzjoni. Biex din l-organizzazzjoni interprofessjonali tkun tista' tiġi rikonoxxuta, l-awtoritajiet kompetenti kellhom jivverifikaw li bosta kriterji kienu ssodisfati, l-aktar li l-Istatut tal-Assoċjazzjoni huwa konformi mal-liġi (l-Artikolu L.632-1 tal-Kodiċi Rurali), u li l-organizzazzjonijiet ikkonċernati li kienu jikkostitwixxu "Val'Hor" huma rappreżentattivi u jikkonformaw mal-għanijiet tal-politika nazzjonali u Komunitarji. L-eżistenza, il-missjonijiet u l-funzjonament tagħha huma rregolati bl-Artikoli L.631-1 u skont il-Kodiċi Rurali.

(19) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, sal-2007, il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji mħallsa mill-membri tal-professjonijiet miġburin fi "Val'Hor" kienu l-uniċi riżorsi ta' finanzi għall-organizzazzjoni interprofessjonali. Għalkemm "Val'Hor" hija entità legali rregolata mil-liġi privata u ffinanzjata minn kontribuzzjonijiet tas-settur ikkonċernat, il-funzjonament tas-sistema tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji jeħtieġ l-intervent tal-Istat. Għalhekk huwa meħtieġ Digriet jew Digriet Ministerjali sabiex il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji jkunu obbligatorji għall-organizzazzjoni interprofessjonali kollha kemm hi.

(20) "Val'Hor" tista' tiġi kkonsultata fir-rigward tal-linji gwida u l-miżuri li jaqgħu taħt il-politiki settorjali relatati magħha (l-Artikolu L. 632-2-1 tal-Kodiċi Rurali).

IL-BAŻI ĠURIDIKA NAZZJONALI

(21) Il-Kodiċi Rurali, is-sitt Volum, Titolu III (l-Artikoli L. 631-1 sa L. 632-13). Digrieti Interministerjali dwar l-estensjoni tal-Ftehimiet Interprofessjonali (ara l-punti 13-14); Ftehimiet Interprofessjonali (ara l-punti 10-12)

IL-MIŻURA

(22) Id-dħul mill-kontribuzzjoni volontarja obbligatorja jintuża biex jitwettqu miżuri għall-benefiċċju tas-settur ortikulturali, miżuri li jistgħu jitqiegħdu fit-tliet kategoriji li ġejjin: miżuri ta' promozzjoni, miżuri ta' riċerka u żvilupp, u miżuri ta' assistenza teknika.

(23) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-fondi qatt m'huma intenzjonati biex ikopru n-nefqa min-negozji fi kwalunkwe settur, iżda biss l-operazzjonijiet kollettivi.

III. **IR-RAĠUNIJIET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(24) Il-Kummissjoni feħħet il-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE minħabba li hija tikkunsidra li l-kontribuzzjonijiet jikkostitwixxu tariffi parafiskali, jiġifieri riżorsi pubbliċi, u li l-miżuri tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali kienu r-responsabbiltà tal-Istat. B'mod partikolari, il-Kummissjoni bbażat fuq l-interpretazzjoni tagħha tas-Sentenza "Pearle" ([1]), billi qieset li f'dak il-każ, il-miżura ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati mill-Qorti, l-aktar minħabba li l-approvazzjoni tal-Gvern fis-sura tar-rikonoxximent tal-organizzazzjoni interprofessjonali kienet tikkostitwixxi prekundizzjoni għall-introduzzjoni tal-kontribuzzjonijiet u li, sabiex jieħdu effett bis-sħiħ ([2]), il-kontribuzzjonijiet infushom kienu jeħtieġu strument tal-awtorità pubblika (Digriet Interministerjali).

IV. **L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(25) Fl-ittra tagħhom mibgħuta bil-posta elettronika fl-14 ta' Marzu 2012, l-awtoritajiet Franċiżi kkontestaw il-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea, li qieset li, fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-miżuri meħuda minn "Val'Hor" permezz tal-introjtu mill-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, huma r-responsabbiltà tal-Istat u ffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat.

(26) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-miżuri meħuda mill-organizzazzjoni interprofessjonali jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-Sentenza Pearle u għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. L-Assoċjazzjoni "Val'Hor" hija entità legali tal-liġi privata rregolata mil-Liġi tal-1 ta' Lulju 1901, dwar il-kuntratti ta' Assoċjazzjoni. L-organizzazzjoni ġiet imwaqqfa b'mod liberu fit-28 ta' Mejju 1997 fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet li l-aktar jirrappreżentaw il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-pjanti ornamentali tas-setturi ortikulturali u tal-pajsaġġ. B'applikazzjoni tal-Artikolu L. 632-1 tal-Kodiċi Rurali, hija ġiet rikonoxxuta bid-Digriet tat-13 ta' Awwissu 1998, kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza fit-3 ta' Settembru 1998. Sabiex jingħata dan ir-rikonoxximent, l-awtorità amministrattiva ivverifikat biss li l-organizzazzjonijiet professjonali li ffurmaw il-bażi għall-ħolqien ta' "Val'Hor" huma rappreżentattivi u li l-għan tal-organizzazzjoni interprofessjonali huwa li jitwettqu miżuri kollettivi fl-interess ekonomiku tan-negozji privati tas-settur.

([1]) Digriet tal-15 ta' Lulju 2004, Kawża C-345/02.
([2]) Digriet tal-20 ta' Settembru 2007, Kawża T-136/05, Il-Kummissjoni/Salvat.

(27) L-awtoritajiet Franċiżi żdiedu jgħidu li skont l-Artikoli L. 632-3 u L. 632-6 tal-Kodiċi Rurali, il-ftehimiet interprofessjonali konklużi minn "Val'Hor" bl-unanimità tal-organinizzazzjonijiet professjonali li jiffurmaw parti minnha, jistgħu jitqiesu bħala obbligatorji għall-operaturi kollha tas-settur u li huma ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, sakemm jipprevedu miżuri komuni jew sakemm huma mmirati lejn interess komuni. L-awtorità amministrattiva tivverifika biss li l-ftehim huwa konformi mar-regoli nazzjonali u Ewropej, u li d-dħul mill-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji miġbura jiffinanzja b'mod regolari l-miżuri ddefiniti mill-organizzazzjoni interprofessjonali nnifisha, għall-benefiċċju tas-settur kollu kemm hu. Għalhekk, l-awtorità amministrattiva ma għandha l-ebda rwol fil-kompożizzjoni, fl-organizzazzjoni u fil-modalitajiet ta' funzjonament ta' "Val'Hor". B'dan il-mod l-organizzazzjoni tgawdi minn awtonomija massima biex tiddetermina l-miżuri interprofessjonali li tkun tixtieq twettaq.

(28) L-awtoritajiet Franċiżi għalhekk ikkonkludew li, billi l-Istat ma għandu qatt is-setgħa li jidderiġi l-użu tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji biex jiffinanzja dawn il-miżuri, il-miżuri interprofessjonali mwettqa minn "Val'Hor" ma jikkostitwixxux strumenti għall-implimentazzjoni ta' politika tal-Istat.

(29) F'dak li jirrigwarda l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar safejn il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji u l-użu tal-introjtu li dawn jiġġeneraw jimplikaw diskriminazzjoni a skapitu tal-prodotti esportati jew importati, u dwar il-kwistjoni jekk il-mod ta' ffinanzjar jirriskjax li jippreġudika l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li, sakemm il-bażi imponibbli tal-kontribuzzjonijiet deċiżi mill-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" tiddependi biss mill-erja jew min-numru ta' impjegati tal-azjenda, il-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji mhumiex applikati għall-prodotti importati jew esportati. Għalhekk l-iffinanzjar tal-miżuri interprofessjonali bil-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji ma joħloq l-ebda diskriminazzjoni bejn il-prodotti nazzjonali u l-prodotti importati jew esportati, u ma jikkawża l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(30) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li fi kwalunkwe każ, billi l-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji ma jitteħdux fuq il-prodotti importati, huma jqisu li l-miżuri li dawn jiffinanzjaw jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2008) 7846 tal-10 ta' Diċembru 2008, li tapprova l-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq intern.

V. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(31) Fl-4 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar il-ftuħ tal-proċedura minn parti terza interessata.

(32) F'dawn l-osservazzjonijiet, il-parti interessata qajmet mistoqsiji dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi li fihom l-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" se tkun fl-istess ħin l-inizjatur, il-leġiżlatur u l-kontrollur tal-kontropartijiet finanzjarji. Dawn il-mistoqsijiet joħorġu mill-istatut tal-organizzazzjoni interprofessjonali li jiffoka fuq ir-rappreżentanza tal-junjins, billi jillimita l-aċċess tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali għal dawk biss li jirrappreżentaw minoranza ta' impriżi ta' ċertu daqs.

(33) Fil-5 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar il-ftuħ tal-proċedura mit-tieni parti terza interessata.

(34) F'dawn l-osservazzjonijiet, il-parti interessata taqbel bis-sħiħ mal-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji u tqis li dawn imorru kontra l-Artikolu 110 tal-TFUE. Il-parti interessata tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-karattru totalment illeġittimu tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, u lejn ir-rwol tal-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tas-sanzjoni ta' din l-illeġittimità, li għandha tiġi kkonkretizzata bir-rikonoxximent tad-dritt tar-rimbors kollu hemm hu tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji mħallsa.

(35) Fis-6 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar il-ftuħ tal-proċedura mit-tielet parti terza interessata.

(36) F'dawn l-osservazzjonijiet il-parti interessata tikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni intenzjonata biex il-miżuri meħuda minn "Val'Hor" jitqiesu bħala imputabbli lill-Istat u li r-riżorsi tagħha għandhom jiġu assimilati mar-riżorsi tal-Istat minħabba li, din tal-aħħar teżerċita biss il-kontroll ta' konformità mal-liġi u mhux tal-politika tal-Assoċjazzjoni.

(37) B'ittra tal-10 ta' Lulju 2012, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw il-kummenti tagħhom dwar l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet terzi interessati, u kkonkludew li l-osservazzjonijiet trażmessi minn dawn tal-aħħar mhumiex tali li jqiegħdu f'diskussjoni l-osservazzjonijiet trażmessi mill-awtoritajiet Franċiżi lill-Kummissjoni.

VI. **EVALWAZZJONI**

(38) Fil-preliminarja tagħha, il-Kummissjoni tosserva li parti mill-miżuri pubbliċitarji jew ta' promozzjoni favur l-ortikultura inkwistjoni kienet iffinanzjata mis-sussidji ta' France-Agrimer ("FAM") fil-qafas tal-iskemi ta' għajnuna notifikati lill-Kummissjoni bin-numri N 671/07 u XA 220/07 (in-numru tal-aħħar jikkorrispondi għal għajnuna eżentata). Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni li diġà saret, dwar in-natura tal-għajnuniet mill-Istat u ta' tali sussidji. Bl-istess mod, din id-Deċiżjoni mhix ibbażata fuq in-natura ta' għajnuna lis-settur f'każ ta' sussidji potenzjali mhux allokati għal miżura partikolari iżda mħallsa lill-baġit ta' organizzazjoni interprofessjonali tal-kategorija "Val'Hor".

(39) Għalhekk il-Kummissjoni tillimita ruħha li teżamina jekk l-iffinanzjar tal-miżuri bis-saħħa tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

VI.1. **L-eżistenza ta' għajnuna**

(40) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistipula li hija inkompatibbli mas-suq intern kull għajnuna "ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri".

(41) Għalhekk biex jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat, il-miżuri eżaminati għandhom ikunu imputabbli lill-Istat u ffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat.

(42) F'dak li jirrigwarda s-sistema tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u n-natura tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-kontribuzzjonijiet jistgħux jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat, il-Kummissjoni eżaminat il-miżura inkwistjoni, fid-dawl, fost oħrajn, tas-Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2013 fil-Kawża C-677/11 "Doux Élevages".

Is-soluzzjoni milqugħa mill-Qorti fis-Sentenza "Doux Élevages"

(43) Fil-kawża "Doux Élevages", il-Qorti wieġbet għal talba ta' pronunzja preġudizzjarja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u, b'mod partikolari, dwar il-kunċett tar-"riżorsi tal-Istat" fil-każijiet li jimplikaw kontribuzzjonijiet volontarji magħmula obbligatorji.

(44) Fis-Sentenza tagħha, il-Qorti kkonkludiet li d-deċiżjoni ta' Awtorità Nazzjonali li testendi ftehim lill-operaturi kollha ta' settur agrikolu, ftehim li, bħala ftehim interprofessjonali, jistitwixxi kontribuzzjoni fil-qafas ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta mill-awtorità nazzjonali, u b'dan il-mod jagħmel il-kontribuzzjoni obbligatorja bil-għan li tippermetti l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' komunikazzjoni, ta' promozzjoni, ta' relazzjonijiet esterni, tal-assigurazzjoni ta' kwalità, ta' riċerka u ta' protezzjoni tal-interessi komuni tas-settur ikkonċernat, ma tikkostitwixxix element ta' għajnuna mill-Istat.

(45) Fis-Sentenza tagħha, il-Qorti qieset li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni ġejjin minn operaturi ekonomiċi privati li jeżerċitaw attività fis-swieq ikkonċernati, u dan jindika li dan il-mekkaniżmu ma jimplika l-ebda trasferiment dirett jew indirett tar-riżorsi tal-Istat. Il-fondi li jinħolqu mit-trasferimenti ma jgħaddux mill-baġit tal-Istat jew minn entità pubblika oħra u l-Istat ma jirrinunzja għall-ebda riżors, ikun ta' liema tip li jkun (bħal imposti, taxxi, kontribuzzjonijiet jew oħrajn), li skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellu jiġi ttrasferit lill-baġit tal-Istat.

(46) Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-kontribuzzjonijiet iżommu l-karattru privat tagħhom mill-bidu sal-aħħar, u l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jużaw dawn ir-riżorsi li huma s-suġġett tal-proċedura prinċipali bħala appoġġ għal ċerti impriżi. Huma l-organizzazzjonijiet interprofessjonali kkonċernati li jiddeċiedu dwar l-użu ta' dawn ir-riżorsi, li b'konsegwenza ta' dan, jiġu allokati interament għall-għanijiet iddeterminati minnhom stess. Bl-istess mod, dawn ir-riżorsi mhumiex kontinwament taħt il-kontroll pubbliku u mhumiex għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet statali.

(47) F'dak li jirrigwarda l-impatt finali li l-Istat jista' jeżerċita fuq il-funzjonament tal-organizzazzjoni interprofessjonali bid-deċiżjoni li testendi ftehim interprofessjonali lill-operaturi kollha ta' settur partikolari, il-Qorti hija tal-fehma li din mhix tali li titlob modifika għall-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq. Fil-fatt, il-Qorti tenfasizza li r-regolamenti inkwistjoni ma jikkonferixxux fuq l-awtorità kompetenti s-setgħa li tiggwida jew tinfluwenza l-amministrazzjoni tal-fondi.

(48) Barra minn hekk, skont il-ġuriżprudenza tal-ġuriżdizzjonijiet kompetenti nazzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Rurali li jirregolaw l-estensjoni ta' ftehim billi jistitwixxu kontribuzzjonijiet fil-qafas ta' organizzazzjoni interprofessjonali, ma jawtorizzawx lill-awtoritajiet pubbliċi li jissottomettu dawn il-kontribuzzjonijiet għal kontroll minbarra l-kontroll tar-regolarità u tal-konformità mal-liġi. L-awtoritajiet pubbliċi jaġixxu biss bħala "strument" bil-għan li jrendu obbligatorji l-kontribuzzjonijiet istitwiti mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali għas-sodisfar tal-għanijiet li huma stess jiddeterminaw. Il-Qorti żiedet tgħid li l-fondi privati użati mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali ma jsirux riżorsi pubbliċi, sempliċement għaliex huma jiġu użati b'mod konġunt mal-ammonti li potenzjalment ikunu ġejjin mill-baġit tal-Gvern.

(49) Barra minn hekk, il-Qorti iddikjarat li la s-setgħa tal-Istat li jirrikonoxxi organizzazzjoni interprofessjonali skont l-Artikolu L.632.1 tal-Kodiċi Rurali, u lanqas is-setgħa ta' dan l-Istat li jestendi ftehim interprofessjonali lill-operaturi kollha ta' settur partikolari skont l-Artikoli L.632-3 u L.632-4 ta' dan il-Kodiċi, ma jwasslu għall-konklużjoni li l-miżuri meħuda mill-organizzazzjoni interprofessjonali huma imputabbli lill-Istat.

(50) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni bbażat ruħha espliċitament fuq il-valutazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, u b'mod partikolari l-implikazzjoni ta' riżorsi statali u l-imputabbiltà tal-miżuri lill-Istat, fuq l-argumenti li ġew irrifjutati mill-Qorti fis-Sentenza msemmija "Doux Élevages".

L-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tad-"Doux Elevages" għall-każ partikolari

(51) *Dwar l-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor":* Bħall-organizzazzjonijiet interprofessjonali l-oħra fi Franza, l-eżistenza tagħha, flimkien mal-missjonijiet u l-funzjonament tagħha. huma soggetti għar-rikonoxximent minn awtorità tal-Istat. Madankollu hija tibqa' entità ġuridika tal-liġi privata li ma tiffurmax parti mill-amministrazzjoni pubblika, billi kif jirrizulta mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, ir-rwol tal-Istat huwa limitat għar-rikonoxximent u għall-estensjoni tal-ftehimiet li hi għandha l-kompetenza li tikkonkludi.

(52) *Dwar il-mekkaniżmu tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji:* Skont l-Artikolu L. 632-6 tal-Kodiċi Rurali, minkejja l-karattru obbligatorju tal-kontribuzzjonijiet, dawn jibqgħu krediti tal-liġi privata. Dawn la jgħaddu mill-baġit tal-Istat u lanqas minn entità pubblika, u lanqas minn fond ikkontrollat mill-awtoritajiet pubbliċi. Fil-fatt, mill-Artikoli tal-Kodiċi Rurali joħroġ li r-rwol tal-Istat huwa limitat għall-estensjoni tal-ftehimiet, filwaqt li l-organizzazzjoni interprofessjonali, f'dan il-każ "Val'Hor", tibqa' responsabbli għall-istabbiliment tat-tariffi tal-kontribuzzjonijiet kif ukoll għall-użu tagħhom għall-għanijiet iddeterminati minnha stess.

(53) F'dak li jirrigwarda l-għanijiet imsemmija hawn fuq, li jridu jintlaħqu mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali, l-aktar bil-miżuri li jittieħdu, il-Qorti tiddikjara li fil-Kawża "Doux Élevages", l-Artikolu L. 632-3 tal-Kodiċi Rurali jindika b'mod ġenerali ħafna u mhux eżawrijenti l-għanijiet li ftehim interprofessjonali għandu jiffaċilita sabiex ikun jista' jiġi estiż mill-awtorità pubblika, u għalhekk ma jirrendix l-estensjoni ta' tali ftehim soġġetta għas-segwitu ta' għanijiet konkreti, stabbiliti u ddefiniti mill-Istat.

(54) Mis-Sentenza "Doux Élevages" effettivament jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jutilizzaw ir-riżorsi ġejjin mill-kontribuzzjonijiet inkwistjoni biex jappoġġaw ċerti impriżi. Hija l-organizzazzjoni interprofessjonali kkonċernata li tiddeċiedi dwar l-użu ta' dawn ir-riżorsi, li huma allokati interament għall-għanijiet iddeterminati minnha stess. Bl-istess mod, dawn ir-riżorsi mhumiex kontinwament taħt il-kontroll pubbliku u mhumiex għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet statali. Ir-regolamenti inkwistjoni ma jikkonferixxux fuq l-awtorità kompetenti s-setgħa li tiggwida jew li tinfluwenza l-amministrazzjoni tal-fondi. Kif ippreċiżat ukoll il-Qorti, l-impatt finali li l-Istat jista' jeżerċita fuq il-funzjonament tal-organizzazzjoni interprofessjonali bid-deċiżjoni li testendi ftehim interprofessjonali lill-operaturi kollha ta' settur partikolari, din mhix tali li titlob modifika għall-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

(55) Il-Qorti enfasizzat li l-fondi privati użati mill-organizzazzjoni interprofessionali ma jsirux "riżorsi pubbliċi" biss għaliex kienu utilizzati flimkien ma' ammonti li potenzjalment jiġu mill-baġit tal-Gvern; il-fatt biss li whud mill-miżuri kkonċernati huma ffinanzjati wkoll minn sussidji tal-FAM ma jippermettix li l-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji inkwisjtoni jiġu kkwalifikati bħala riżorsi tal-Istat, u dan fl-assenza ta' provi oħra li skonthom dawn is-sussidji għandhom jippermettu lill-Istat li jeżerċita kontroll suffiċjenti fuq il-fondi ġejjin mill-attività tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji.

(56) Barra minn hekk, il-Qorti ddikjarat li la s-setgħa tal-Istat li jirrikonoxxi organizzazzjoni interprofessjonali skont l-Artikolu L.632.1 tal-Kodiċi Rurali, u lanqas is-setgħa ta' dan l-Istat li jestendi ftehim interprofessjonali lill-operaturi kollha ta' settur partikolari skont l-Artikoli L.632-3 u L.632-4 ta' dan il-Kodiċi, ma jwasslu għall-konklużjoni li l-miżuri meħuda mill-organizzazzjoni interprofessjonali huma imputabbli lill-Istat.

(57) Għar-raġunijiet indikati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-iffinanzjar tal-miżuri inkwistjoni, meħuda mill-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" mill-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, mhuwiex ġej mir-riżorsi tal-Istat, u għaldaqstant ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

VII. **KONKLUŻJONI**

(58) Minn dan jirriżulta li l-iffinanzjar tal-miżuri minn kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffinanzjar tal-miżuri ta' promozzjoni, ta' riklamar, ta' assistenza teknika u ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-organizzazzjoni interprofessjonali "Val'Hor" bil-kontribuzzjonijiet volontarji obbligatorji matul il-perjodu 2005-2014 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħajr preġudizzju għall-konsiderazzjoni dwar jekk is-sussidji mill-Istat lil organizzazzjoni interprofessjonali jikkostitwixxux għajnuna lis-settur ikkonċernat jew le, jew jekk is-sussidji mogħtija għal dawn il-miżuri jikkostitwixxux għajnuniet mill-Istat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni